MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-3 ta' Mejju, 2004

Ċitazzjoni Numru. 1721/2001/1

**Albert u Maria Dolores sive Doris Satariano.**

**-vs-**

**Awtorita' ta' L-Ippjanar.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fit-30 ta' Ottubru, 2001 li permezz taghha l-atturi ppremettew:

Illi l-atturi huma l-proprjetarji tal-fond bl-isem Angel's Leap, il-Faqqanija, fil-limiti tas-Siggiewi.

Illi l-Awtorita' konvenuta harget Avviz biex Tieqaf u ta' Twettieq bin-numru 755/98, datat 25 ta' Settembru, 1998 li

qed jigi hawn anness u mmarkat Dok A, in forza ta’ liema l-atturi gew ordnati inehhu “l-izvilupp kollu li ghandek minghajr permess u tregga s-sit ghall-istat originali tieghu fi zmien sittax il-gurnata billi tibni biss skond il-pjanti originali tal-permess PB 5/90/4202/88 mahrug fil-11 ta’ Jannar, 1990”.

Illi l-fuq imsemmi Avviz gie kkonfermat mill-Qorti tal-Appell b’sentenza tat-23 ta’ April, 2001.

Illi fil-kors tal-esekuzzjoni tal-fuq imsemmi Avviz l-Awtorita’ konvenuta marret oltre u eccediet dak previst mill-istess Avviz tant illi saru xogholijiet ta’ demolizzjoni anke f’partijiet mill-fond m’hux koperti b’tali avviz kif ser jigi pruvat tul is-smiegh ta’ din il-kawza.

Illi l-agir tal-Awtorita’ konvenuta f’l-esekuzzjoni ta’ l-Avviz huwa wiehed ultra vires a tenur ta’ l-artikolu 469A tal-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta) u dan peress illi jezorbita mill-poteri moghtija lilha mill-istess Avviz u jikkostitwixxi abbuz tas-setgha fdata lilha mil-ligi.

Illi l-esekuzzjoni tal-fuq imsemmi Avviz sar b’mod negligenti, bi traskuragni u m’hux skond is-sengha u l-arti tant illi l-awtorita’ konvenuta kkawzat danni konsiderevoli fil-proprjeta’ fuq imsemmija kif jidher mir-rapport maghmul mill-Perit Alfred Grech A. & C. E. datat 3 ta’ Awissu, 2001 li qed jigi hawn anness u mmarkat Dok B u anke ppremettiet illi jinsterqu xi oggetti mill-istess proprjeta’ kif jidher mill-istima datata 30 ta’ Lulju, 2001 (Dok C) u kif ser jigi pruvat tul is-smiegh tal-kawza.

Illi l-Awtorita’ konvenuta ccirkondat il-proprjeta’ ta’ l-atturi fuq imsemmija permezz ta’ recint konsistenti fil *blocks* ta’

cement ta’ certa gholi u ghalqet kull access li setgha kien hemm ghall-istess proprjeta’ u ghalhekk b’dan l-agir abbuziv u illegali l-istess awtorita’ qed tipprekludi lill-atturi milli jaghmlu kwalunkwe uzu mill u jkollhom access ghall-proprjeta’ taghhom.

Illi l-Awtorita’ konvenuta naqset ukoll li tesegwixxi dawk ix-xogholijiet necessarji a tenur ta’ l-istess Avviz fuq imsemmi sabiex tigi reintegrata l-proprjeta’ skond il-pjanti originali tal-permess PB 5/90/4202/88 mahrug fil-11 ta’ Jannar, 1990.

Illi l-proprjeta; fuq imsemmija kienet titkostitwixxi r-residenza ta’ l-atturi u b’konsegwenza ta’ l-agir fuq imsemmi da parti ta’ l-Awtorita’ konvenuta, l-atturi soffrew danni konsiderevoli u ghadhom qeghdin isofru danni sal-gurnata ta’ llum inkluz l-hlas ta’ kera sabiex ikollhom akkomodazzjoni ulterjuri.

Illi l-Awtorita’ intimata giet interpellata permezz ta’ ittra ufficjali datata 3 ta’ Ottubru, 2001 (Dok D) sabiex tersaq ghall-likwidazzjoni u l-hlas tad-danni minnha kkawzati fil-fond b’l-isem Angel’s Leap, il-Faqqanija, fil-limiti tas-Siggiewi kif fuq spjegat, u sabiex taghmel dawn ix-xoghlijiet necessarji a tenur ta’ l-Avviz biex Tieqaf u ta’ Twettieq bin-numru 755/98, izda hija baqghet inadempjenti.

Ghalhekk jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ghandhiex:

1. Tiddikjara l-esekuzzjoni ta’ l-Avviz biex Tieqaf u ta’ Twettieq bin-numru 755/98 mill-Awtorita’ konvenuta bhala wahda nulla, invalida u bla effett a tenur ta’ l-artikolu 469A tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta) in kwantu tali esekuzzjoni kienet abbiusiva u llegali kif iktar il-fuq spjegat.

2. Tiddikjara lill-Awtorita' konvenuta responsabbli ghad-danni ikkawzati lill-atturi kif fuq premess a tenur ta' l-Artikolu 469A(5) kif ukoll minhabba l-agir illegali u abbuziv ta' l-Awtorita' konvenuta.

3. Tillikwida dawn l-istess danni okkorendo b'opera ta' Periti nominandi u tordna lill-Awtorita' konvenuta thallas lill-atturi id-danni hekk kif illikwidati.

4. Tiddikjara li l-esekuzzjoni tal-fuq imsemmi Avviz mill-Awtorita' konvenuta sar b'mod negligenti, bi traskuragni u m'hux skond is-sengha u l-arti tant li kkawza danni fil-proprjeta' ta' l-atturi u lill-Awtorita' konvenuta responsabbli ghal tali danni.

5. Tillikwida dawn l-istess danni okkorendo b'opera' ta' Periti nominandi u tordna lill-Awtorita' konvenuta thallas lill-atturi id-danni hekk kif illikwidati.

6. Tordna lill-Awtorita' konvenuta sabiex, fi zmien qasir u perentorju li jigi ffissat minn din l-Qorti ghal dan l-iskop, taghmel ix-xoghlijietnecessaeji sabiex tigi reintegrata l-proprjeta' skond il-pjanti originali tal-permess PB 5/90/4202/88 mahrug fil-11 ta' Jannar, 1990 a tenur ta' l-Avviz fuq imsemmi u dana taht direzzjoni ta' perit li jigi ghal dawn il-fini nominat.

7. Tordna lill-Awtorita' konvenuta sabiex tnehhi r-recint minnha illegalment u abbuzivament mibni madwar il-proprjeta' ta' l-atturi u dan ukoll fi zmien qasir u perentorju li jigi ffissat minn din l-Qorti ghal dan l-iskop.

8. Fil-kaz li l-Awtorita' konvenuta tonqos li taghmel ix-xoghlijiet fuq deskritti fi zmien li jigi lilha prefiss, taghti l-permess lill-atturi sabiex jaghmlu huma stess ix-xoghlijiet necessarji a spejjez ta' l-istess konvenuta taht id-direzzjoni ta' l-istess perit nominandi.

Bl-ispejjes u b'l-imghax legali mid-data ta' l-ittra ufficjali fuq imsemmija sad-data tal-pagament effettiv kontra l-Awtorita' konvenuta minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ipprezentata fil-31 ta' Dicembru 2001 li permezz taghha l-konvenut ecepixxa:

1. Illi preliminarjament dinal-Onorabbli Qorti m'ghandhiex gurisdizzjoni u dan a tenur tal-provvedimenti ta' l-istess artikolu 469A tal-Kap.12.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-kwestjoni odjerna hija *res judicata* stante li l-mertu ta' l-istess diga gie deciz kemm mill-Bord ta' l-Appelli dwar l-Ippjanar kif ukoll mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell.

3. Illi, fil-mertu, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-azzjonijiet mehuda mill-Awtorita' ta' l-Ippjanar kienu azzjonijiet li l-istess Awtorita' setghat tiehu skond il-Ligi, stante li l-azzjonijiet ilmentati kienu jikkoncernaw zvilupp illegali maghmul mill-atturi, u l-azzjonijiet ta' l-istess Awtorita' kienu kollha intra vires, ragonevoli, validi u legali, u l-uniku agir illegali u irragonevoli kienu ta' l-istess atturi, kif ser jigu ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

4. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-Awtorita' eccipjenti qeghda tezercita u ezercitat d-drittijiet taghha li johorgu mill-Att I ta' l-1992 dwar l-Ippjanar u mill-Avviz biex Tieqaf u ta' Twettieq numru ECF 1434/97 mahrug fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Settembru 1998, liema Avviz gie appellat mill-attur quddiem il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar, fejn l-istess Bord, fid-decizjoni

tieghu ta' l-erbatax (14) ta' Jannar 2000, cahad l-appell ta' l-attur u ikkonferma l-istess Avviz, kif del resto ghamlet l-

Onorabbli Qorti ta' l-Appell fid-decizjoni taghha tat-tlieta u ghoxrin (23) ta' April 2001.

5. Illi ghaldaqstant, in vista tal-premess, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjes kontra l-istess attur.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti processwali.

Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta' Jannar 2004 li permezz tieghu il-kawza thalliet ghas-sentenza fuq l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenuti.

Ikkunsidrat;

Illi l-atturi qed jitolbu dikjarazzjoni illi l-esekuzzjoni tal-avviz tat-twettieq da parti tal-awtorita' konvenuta fir-rigward tal-propjeta' tal-atturi hija nulla a tenur tal-Artiklu 469 A tal-Kap 12 u l-kundanna ghal danni konsegwenzjali.

Il-konvenuti qed jeccepixxi, fost eccezzjonijiet ohra illi l-Qorti ma ghandiex gurisdizzjoni a tenur tal-istess artiklu 469 A u li l-kwestjoni odjerna hija res judicata.

Fir-rigward tal-ewwel eccezzjoni l-imsemmi artiklu 469 A jghid li l-Qrati ghandhom gurisdizzjoni *biex jistharrgu l-validita' ta' xi eghmil amministrattiv jew li jiddikjaraw dak l-eghmil null, invalidu jew minghajr effett fil-kazijiet li gejjin biss:*

*…………..*

*iii. meta l-eghmil amministrattiv jikkostitwixxi abbuz tas-setgha ta' l-awtorita' pubblika.*

*iv. meta l-eghmil amministrattiv ikun imur mod iehor kontra l-ligi.*

Mill-kliem tac-citazzjoni jidher car illi l-atturi qed jallegaw abbuz mill-mod kif giet esegwita l-hekk imsejjha *enforcement notice.* Dan naturalment irid dejjem jirrizulta mill-provi izda l-ligi fil-fehma tal-Qorti hija cara fis-sens li l-Qrati Civili ghandhom gurisdizzjoni biex jesaminaw il-mod ta' kif awtorita' pubblika tesercita l-poteri taghha u ghalhekk l-eccezzjoni se tigi respinta.

Fir-rigward tat-tieni eccezzjoni, hu risaput li biex tirnexxi l-eccezzjoni ta' *res judicata* iridu jikkonkorru tlett elementi u cioe;

***Eadem personae.***

***Eadem res.***

***Eadem causa petendi.***

Ma hemmx dubbju li l-persuni f'din il-vertenza huma l-istess u anke l-propjeta involuta. Izda l-atturi ma humiex qed jattakkaw id-decizjoni tal-awtorita' li tghaddi biex tesegwixxi l-avviz ghat-twettieq izda l-mod kif din giet esegwita. Ghalhekk fil-waqt li llum ma hemm ebda kwistjoni li l-awtorita' konvenuta kellha l-poter biex taghmel tali esekuzzjoni, l-atturi qed jikkontestaw il-mod kif saret. Fil-fehma tal-Qorti, billi tali esekuzzjoni ma ssirx taht awtorita' tal-Qorti izda mill-istess awtorita' konvenuta, apparti li l-Qorti ghandha gurisdizzjoni, din il-kwistjoni hija differenti minn dak li gia gie deciz mill-Qorti tal-Appell fir-rigward tal-appell li sar mill-atturi fuq id-decizjoni ta' l-awtorita'.

**Ghal dawn il-mottivi il-Qorti tichad l-ewwel zewg eccezzjonijiet u tordna li l-kawza titkompla.**

**Spejjes riservati ghal gudizzju finali.**

Moqrija.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------